MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 05

Il-Ħamis 31 t'Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq ta' Mulejja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Fontana

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 05.1 Talba

05.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 05.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

05.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 05.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

05.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 4 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

05.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

05.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

05.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 05.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

05.4.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg, informa lill-membri preżenti li hu rċieva ittra mingħand il-Kappillan il-ġdid tal-parroċċa bi stedina lilu, lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-festa f'ġieħ Sant'Indrija li ser issir nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru 2019 kif ukoll għall-inawgurazzjoni uffiċċjali tal-ministeru tiegħu bħala l-Kappillan tal-Fontana nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2019.

05.4.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li saret l-i*sticker* il-ġdida fit-tabella tal-konfini li tinsab fil-bidu nett ta' Triq tal-Għajn.

Kunsill Lokali Il-Fontana

05.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-preżentazzjoni tal-premijiet tal-kompetizzjoni 'Xettel fir-Rebbiegħa' fi Ġnien is-Serenita' f'Santa Luċija f'Malta, fejn il-Kunsill Lokali kklassifika fit-tielet post flimkien mal-Kunsill tal-Birgu u ngħata premju ta' €2,000 li jridu jintefqu f'inizjattivi li jwasslu sabiex iċ-ċittadin jikkura iżjed l-ambjent.

05.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li fl-attivita' tal-*Pink October Campaign* saret preżentazzjoni lill-Kunsilli kollha li pparteċipaw f'din l-inizjattiva fi Triq Fortunato Mizzi fir-Rabat Għawdex, quddiem il-funtana, mis-Sinjura Michelle Muscat *Chairperson* tal-Fondazzjoni Marigold, mill-Ministru għal-Għawdex l-Onorevoli Dr Justyne Caruana u minn rappreżentant tas-Segretarjat Parlamentari tal-Gvern Lokali u l-Komunitajiet. Wara, il-membri tal-Kunsill tal-Fontana rappreżentati mis-Sindku s-Sur Saviour Borg, il-Kunsilliera s-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv laqgħu lis-Sinjura Michelle Muscat u lir-rappreżentant tas-Segretarjat Parlamentari tal-Gvern Lokali u l-Komunitajiet fi Pjazza l-Għejun, fejn l-istess għejun kienu mixgħulin bil-kulur *pink* biex titqajjem kuxjenza għal din il-kampanja.

05.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret il-laqgħa pubblika skont kif amendat fl-Att tal-Gvern Lokali iżda ma kien hemm l-ebda attendenza mir-residenti tal-lokalita'.

05.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li għall-ġita fi Sqallija li qed jorganizza l-Kunsill flimkien ma' Eurotours ser jattendu 39 persuna inkluż it-tour leader u ser nżuru l-ibliet ta' Catania, Messina, Taormina u Siracusa fost oħrajn. Huwa qal ukoll li b'konsultazzjoni mal-membri tal-Kunsill saret polza t'assigurazzjoni lill-membri tal-Kunsill li ser jattendu li ser tiswa €92.

05.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol tal-installazzjoni tas-sistema tal-*airconditions* fis-Sala tal-Komunita huwa komplut u l-Kunsill irċieva ċ-ċertifikazzjoni mingħand l-Inġinier.

05.4.8 Is-Sindku għarraf ukoll li l-vaċċin tal-influwenza wasal u qed jinżamm fiċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat Għawdex. Dan minħabba li mhux bħalma kien isir fis-snin ta' qabel, dan il-vaċċin riedu li jinżamm fil-*fridge* tal-Kunsill iżda minħabba responsabilita' daqshekk kbira u għall-fatt li anke jista jmur id-dawl jew xi ħsara fil-*fridge* li tista' tipperikola l-ħajja

Kunsill Lokali Il-Fontana

tan-nies li ser jieħdu dan il-vaċċin, ġie deċiż li l-vaċċin jinżamm hemm. B'kollox applikaw 22 resident biex jieħdu l-vaċċin u dan ser jingħata nhar is-Sibt 9 ta' Novembru 2019 mit-tabib Dr Refalo.

05.4.9 Is-Sindku informa lill-membri li ż-żebgħa fuq il-marki stradali għadhom m'humiex kompluti. Il-Kunsill ipprovda ż-żebgħa lill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex biex isir dan ix-xogħol iżda għadu ma sarx fi Triq il-Kappillan Hili, Trejqet Dun Guzepp Grima u lanqas fit-toroq li jaqgħu taħt il-Gvern Ċentrali.

05.4.10 Is-Sindku ppropona biex il-Kunsill jixtri *camera* tar-ritratti. Kien hemm qbil dwar dan.

05.4.11 Is-Sindku għarraf lill-membri li hemm *disabled parking bay* fi Triq Ta' Mulejja li m'għadx baqa' użu għaliha mis-sid li kien applika minħabba li ġie nieqes. Kien hemm qbil mill-membri biex jiġu nfurmati l-familjari li din ser titneħħa sabiex b'hekk jiżdied l-ispazju tal-parkeġġ f'din it-triq.

05.4.12 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri li l-kuntratt tas-servizz tat-tindif u l-manutenzjoni tal-latrina wasal biex jiġġedded għal sena oħra. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 05.5 Jum il-Fontana 2019 ;

05.5.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li kif ikkonfermat fil-laqgħa preċedenti, l-attivitajiet soċjo-kulturali ta' Jum il-Fontana, ser jiġu ċċelebrati nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2019 b'quddiesa għar-ruħ żewġ ex-Kunsilliera mejtin u wara serata tal-okkażjoni fis-Sala tal-Komunita'.

05.5.2 Bħala parti mill-attivitajiet kien hemm qbil mill-membri li ssir ħarġa soċjo-kulturali f'Għawdex nhar is-6 ta' Diċembru 2019 fejn nżuru l-Kappella ta' San Pupulju fl-Għarb, is-Santwarju tal-Kunċizzjoni u wara ikla fl-ITS fil-Qala li tkun imħallsa minn dawk li jattendu. Kien hemm qbil ukoll biex tiġi organizzata ħarġa soċjali f'Malta nhar il-15 ta' Diċembru 2019.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 05.6 Xogħol ta’ servizzi u kisi bit-tarmac f’parti minn Triq tal-Għajn ;

05.6.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-parir tal-Avukat Dr Jean Paul Grech dwar ix-xogħol ta’ servizzi u kisi bit-tarmac f’parti minn Triq tal-Għajn.

05.6.2 Fil-parir legali tiegħu, Dr Jean Paul Grech stqarr li wara li eżamina d-dokumenti, hu mhux tal-parir li jitwaqqa’ l-kuntratt iffirmat minħabba li ċ-ċirkustanzi li żviluppaw bl-ebda mod la direttament u lanqas indirettament ma kienu fil-kontroll jew kellu xi ħtija l-kuntrattur. Huwa sostna li l-fatt li l-Kunsill ġie mgħarraf li jista’ jkun hemm il-bżonn li jinbidlu s-servizzi tad-drenaġġ wara li ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur u għalhekk dan ix-xogħol ma kienx previst.

05.6.3 Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef staqsa jekk jistax jibda ix-xogħol mingħajr ma jinbidlu s-servizzi tad-drenaġġ tad-djar imbagħad jekk matul ix-xogħol issir xi ħsara lil xi servizz minnhom dan jitranġa mill-Kunsill.

05.6.4 Wara diskussjoni dwar il-parir tal-Avukat, kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex terġa’ ssir talba lill-Ministru għal Għawdex Dr Justyne Caruana għall-għajnuna finanzjarja biex jinbidlu s-servizzi tad-drenaġġ ta’ Triq il-Għajn, li hija triq arterjali, u jekk din l-għajnuna ma tingħatax il-Kunsill jagħmel ix-xogħol kif kien pjanat qabel. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir laqgħa mal-Inġinier tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma sabiex jiġi ċċarat il-metodu ta’ kif ser jinbidel il-mejn tad-drenaġġ li ser tiffinanzja l-istess Korporazzjoni.

## 05.7 Il-Proċess tal-Ħatra ta’ Skrivan fi skala 15;

05.7.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li wara li ħarġet is-sejħa għall-ħatra ta’ skrivan fi skala 15 fuq bażi part-time għal dawk li jirreġistraw ma Jobsplus fejn ma kien hemm l-ebda interess minn dawk il-persuni, din is-sejħa ħarġet għall-pubbliku kollu inġenerali. Din is-sejħa għall-pubbliku inġenerali għalqet fil-31 t’Ottubru 2019 u b’kollox applikaw 16-il persuna. Is-Sindku qal li issa jiltaqa’ l-bord biex jevalwa l-applikazzjonijiet u jsiru l-intervisti għal dawk li jkunu eliġibli.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 05.8 Is-sitwazzjoni tal-*photocopier/printer* tal-Kunsill;

05.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ġie deċiż sabiex inresqu din il-kwistjoni quddiem id-Dipartiment tal-Konsumatur, huwa ġie infurmat li bħala Kunsill Lokali ma jistax iressaq ilmenti lil dan id-Dipartiment iżda jrid jieħu passi legali. Huwa nforma lill-membri wkoll li sadanittant huwa bagħat *email* lil Grenke Renting Ltd biex ifakkarhom li l-Kunsill għadu bil-*photocopier/printer* mhux qed taħdem u għal dan ingħata risposta li skont il-kuntratt li ġie iffirmat fl-2015, il-Kunsill ma daħalx għall-polza tal-assigurazzjoni ta' Grenke Renting Ltd iżda kien ser jużа l-polza t'assigurazzjoni tal-Kunsill.

05.8.2 Għal dan il-kumment ta' Grenke Renting Ltd, li l-Kunsill kien ser jużа l-polza t'assigurazzjoni tiegħu u mhux tal-kumpanija li pprovdiet il-photocopier/printer, is-Sindku s-Sur Saviour Borg u l-Kunsilliera s-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia stqarrew li ma kienux jafu dwar dan l-arranġament għax qatt ma ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill.

05.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva ittra mingħand l-avukati tal-kumpanija Grenke Renting Ltd datata nhar il-25 t'Ottubru 2019 fejn qed jitolbu li titħallas il-kera tal-*photocopier/printer* li jinkludu l-ispejjeż amministrattivi u nteressi.

05.8.4 Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif il-Kunsill irċieva din l-ittra, intagħtet il-korrispondenza kollha mal-kumpanija kif ukoll din l-ittra lill-avukat tal-Kunsill Dr Jean Paul Grech għall-parir legali tiegħu.

05.8.5 Il-parir tal-avukat, wara li eżamina d-dokumenti qal li fit-termini tal-kuntratt kif iffirmat, ma jaħsibx li l-Kunsill għandu raġun li ma jħallasx il-kirja sempliċiment għax il-*photocopier/printer* ma taħdimx. Dan minħabba r-raġunijiet ta' klawsoli 8, 11 u 12 tal-istess kuntratt.

05.8.6 Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li tiġi ċċarata r-raġuni msemmija fi klawsola 12 liema klawsola tgħid li Grenke trid tiprovdi *photocopier/printer* oħra jekk ikun hemm xi ħsara, bħalma kien ġara bejn Jannar u Frar ta' din is-sena iżda l-*photocopier/printer* li kienu ġabu kienet fi stat agħar minn ta' qabilha.

05.8.7 Il-Kunsill iddeċieda li hekk kif l-avukat jiċċara dan, għandhom jiġu avżati l-membri u jekk ir-raġuni ma tkunx ġustifikata, l-pagament pendenti għandu jitħallas mill-Kunsill immedjatament.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 05.9 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

05.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva r-rapport u ċ-ċertifikazzjoni tal-Inġinier tal-kuntrattur Chris Gauci fuq l-installazzjoni tal-fanali dekorattivi ta' Triq Alessandro Franchi u Triq John Gaspard Le Merchant, hekk kif mitlub mill-Inġinier tal-Kunsill fl-aħħar laqgħa. Kien hemm qbil mill-membri li dan jintbagħat lill-Inġinier tal-Kunsill sabiex joħroġ iċ-ċertifikazzjoni finali tiegħu u jkun jista' jitħallas il-kuntrattur.

05.9.2 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex bagħat korrispondenza lill-Kunsill sabiex jiġu identifikati erba' persuni mill-lokalita' tal-Fontana, tnejn irġiel u tnejn nisa, li jkunu magħrufa għal xi tradizzjoni jew kisba personali sabiex jitteħdilhom ritratt għal fuq il-ktieb li ser jippubblika il-Kunsill Reġjonali Għawdex bl-isem 'Gozo, A Portrait of an Island'. Il-membri ser jaħsbu ftit dwar min jista' jiġi identifikat u jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv dwar dan.

05.9.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttorat għall-Istrateġija u l-Implementazzjoni ta' Policy fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ser jiġu varati l-iskemi finanzjarji għas-sena 2020 b'konferenza tal-aħbarijiet nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru 2019 u b'konferenza uffiċċjali ta' ġurnata nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2019. Il-Kunsill innota dan.

05.9.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex li ser tiġi organizzata Seduta Speċjali tal-Parlament fl-okkażjoni ta' Jum Għawdex 2019, nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2019, li għaliha qegħdin jiġu mistiedna jattendu l-Membri Parlamentari Għawdxin flimkien mal-President u l-Membri Effettivi u Sostituti tar-Reġjun Għawdex. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg u l-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri wrew l-interess li jattendu bħala Membru Effettiv u Membru Sostitut rispettivament.

05.9.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-fondi għall-inizjattivi kulturali/soċjali mill-fondi tal-LESA. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fakkret lill-Kunsilli li d-data tal-għeluq biex jiġu ssottomessi l-applikazzjonijiet hija l-31 t'Ottubru 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-applikazzjoni ġiet issottomessa hekk kif maqbul fil-laqgħa preċedenti biex tinbidel il-

Kunsill Lokali Il-Fontana

*playhouse* li hemm fil-*playingfield* tal-lokalita'. Huwa nforma lill-membri li hekk kif tiġi approvata l-proposta trid tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet mis-sistema minħabba li l-ammont ser jaqbeż il-limitu ta' *hand quotations*. Kien hemm qbil dwar dan.

05.9.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex bi stedina biex il-Kunsill jifforma parti mir-*Regional Strategy Working Group* biex titfassal strateġija kulturali għal Għawdex. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex informa lill-Kunsill li dan il-*Working Group* ser jiltaqa' nhar il-Ġimgħa 8 ta' Novembru 2019 ġewwa l-*University Gozo Centre*. Il-Kunsill innota dan.

05.9.7 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta dwar applikazzjoni ta' *Reserved Parking Bay* fi Triq L-Isptar San Ġiljan. Il-membri ma sabux oġġezzjoni għal dan.

05.9.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Malta Community Chest Fund Foundation jitolbu informazzjoni dwar il-membri tal-Kunsill Lokali. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

05.9.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kuntrattur li qed jiprovdi s-servizz tal-*live streaming* tal-laqgħat lill-Kunsill Lokali bi kwotazzjoni sabiex is-servizz jiġi aġġornat skont kif jistipula l-Artiklu 44(1) tal-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363), wara li dan ġie mitlub mill-istess Kunsill fl-aħħar laqgħa. Il-kwotazzjoni tammonta għal €1,416.00 inkluż il-VAT li tinkludi *development and hosting of live streaming and VOD website including 1 year recording*. Kien hemm qbil mill-membri sabiex isir dan ix-xogħol biex il-Kunsill ikun konformi mal-liġi.

05.9.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Moviment Kerygma sabiex il-Kunsill jinnomina lil xi ħadd għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2019. Il-Kunsill innota dan.

05.9.11 Fuq l-ilment imressaq minn persuna li għandu propjeta' bejn Triq Wara L-Idjar u Triq Ta' Mulejja, fejn qed jallega li waqa' xi ġebel minn taħt il-*belvedere* fil-propjeta' tiegħu, il-Kunsill, fuq parir tal-Perit J. Saliba, talab lir-resident jipprovdi evidenza li l-art hija propjeta' tiegħu. Il-Kunsill irċieva risposta għat-talba tal-Kunsill bi pjanta annessa f'*email*. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil li r-resident għandu jipprovdi vera kopja tal-kuntratt tal-akkwist.

Kunsill Lokali Il-Fontana

05.9.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-residenta li toqgħod fl-indirizz 184, Triq tal-Għajn, Fontana, wara li l-Kunsill reġa talab sabiex it-tabella Cul De Sac li kienet imwaħla quddiem ir-residenza tagħha terġa' titwaħħal fil-kantuniera tal-bankina ġaladarba saret il-bankina ġdida mill-Ministeru. Din ir-residenta wieġbet li ma tridx li din teħel man-naħa tagħha iżda għandha tibqa' fejn hi jew teħel fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li din it-tabella għandha teħel fil-kantuniera tal-bankina ta' quddiem din ir-residenza biex tkun viżibli għall-vetturi li jkunu neżlin, kif dejjem kienet.

05.9.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar id-Direttiva 3/2019 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ifakkar lill-Kunsill jimplimenta u jibda jopera s-servizz ta' *Contracts Manager* fil-lokalita' mill-aktar fis possibli iżda mhux aktar tard mit-Tlieta 31 ta' Diċembru 2019. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg qal li fil-lokalita' tal-Fontana minħabba li hija lokalita' żgħira u li m'hemmx kuntratti kbar involuti, ser tkun diffiċli ħafna li l-Kunsill isib lil xi ħadd interessat għal din l-offerta. Il-Kunsill qabel. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jibgħat talba lill-Kunsill Reġjonali Għawdex bil-possibilta' li din is-sejħa għall-offerti toħroġ fuq bażi reġjonali, kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun.

05.9.14 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll mill-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar bidla fil-ġurnata tal-ġbir tal-iskart tal-ħġieġ fejn qed isir suġġeriment sabiex il-ħġieġ ma jibqax jinġabar kull l-ewwel Ħamis tax-xahar iżda jibda jinġabar kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Dan is-suġġeriment ġie diskuss mill-membri preżenti u ma kienx hemm oġġezzjoni iżda għandhom jiġu avżati r-residenti tal-lokalita' b'dan it-tibdil tal-ġbir meta tkun ser tidħol fis-seħħ.

05.9.15 Il-Kunsill irċieva korrispondenza b'ilment minn resident fi Triq San Martin li hemm xi affarijiet jiżgombraw bankina f'dik it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat dik il-korrispondenza lill-Pulizija biex jieħdu azzjoni, is-Surġent Tabone, wara li għamel spezzjoni fuq il-post, talab lill-Kunsill Lokali Il-Fontana sabiex jieħu ħsieb li jiġbor u jarmi dawk l-affarijiet li kienu jiżgumbraw il-bankina bħala *bulky refuse*. Il-Kunsill innota dan u ser jieħu azzjoni immedjata.

Kunsill Lokali Il-Fontana

05.9.16 Ċirkulari AKL 2019/120 – Ittra mill-Public Contract Review Board dwar il-Kuntratt tal-Bus Shelters. Il-Kunsill ħa parir mill-Avukat Dr Jean Paul Grech jekk għandux jiffirma l-mandat biex l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali taġixxi għan-nom tal-Kunsill Lokali Il-Fontana la darba fil-lokalita' m'hemmx preżentament *bus shelters* u lanqas ma hemm pjan biex tiġi nstallata waħda. L-Avukat Dr Jean Paul Grech wieġeb li la darba il-Kunsill kien diġa' parti mill-ftehim oriġinali u mill-emenda li saret, anke jekk m'għandux *bus shelters*, għandu jidħol mal-Kunsilli Lokali l-oħra biex l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tirrispondi f'isimhom. Il-Kunsill innota l-kontenut u ħa jimxi mal-parir tal-Avukat.

05.9.17 Ċirkulari AKL 2019/121 – LESA TMS Services. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.9.18 Ċirkulari AKL 2019/122 – Rappreżentazzjoni b'risq Id-Dar tal-Providenza fl-istitut Kattoliku. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.9.19 Ċirkulari AKL 2019/123 – Muzew tal-Gwerra u l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.9.20 Ċirkulari AKL 2019/124 – World Children's Day 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.9.21 Ċirkulari AKL 2019/125 – Communication to EU National Associations_YEPs United 4 Climate_3 December 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.9.22 Ċirkulari AKL 2019/126 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 25. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.9.23 Ċirkulari AKL 2019/127 – Aġenda Laqgħa Plenarja AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.9.24 Il-Kunsill irċieva PQ 11520 jekk il-Kunsill kellux dejn fl-aħħar ħames snin u kemm qed jitħallsu nteressi kull sena jekk ikun il-każ. Il-Kunsill irrisponda li ma kellux dejn.

05.9.25 Il-Kunsill irċieva PQ 11875 jekk is-Sindku kienx intervistat mill-PBS f'Ottubru 2019 u x'kienet it-tema tal-intervista jekk ikun il-każ. Il-Kunsill irrisponda li s-Sindku ma kienx intervistat fuq il-PBS f'Ottubru 2019.

Kunsill Lokali Il-Fontana

05.9.26 Ilment 03/2019 – A. Cassar

Biex titwaħħal tabella fi Pjazza L-Għejun biex ma jintużax sapun waqt il-ħasil tal-vetturi minħabba periklu għas-sewwieqa tal-muturi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lill-LESA biex ikun hemm spezzjonijiet mill-uffiċċjali tal-komunita' ta' spiss f'dan il-post. Ma kienx hemm qbil mill-membri biex titwaħħal tabella biex il-Kunsill ma jippromwovix ħasil tal-vetturi f'dak il-post.

05.9.27 Ilment 04/2019 – S. Farrugia

Suġġeriment sabiex isir metru *double yellow line* maġenb il-garaxx. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lil Transport Malta.

05.9.28 Ilment 05/2019 – M. Cassar

Suġġeriment sabiex fil-lokalita' tal-Fontana jkun hemm Berġa li sservi f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata bħalma hemm f'lokalitajiet oħrajn. Wara diskussjoni dwar dan mill-membri, l-problema ewlenija hi li l-Kunsill m'għandux il-post u l-ispazzju x'joffri biex il-Ministeru tas-Saħħa jkun jista jagħmel dan.

05.9.29 Ilment 06/2019 – B. Van Dyk

Titlob biex il-Kunsill iwaħħal bollards jew safety barrier minħabba l-periklu ħdejn l-indirizz 186, Triq tal-Għajn, Fontana. Il-membri qalu li dik hija triq fir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali.

05.9.30 Ilment 07/2019 – J. Theuma

Jitlob sabiex isiru metru double yellow line kull naħa tal-garaxx tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lil Transport Malta.

05.9.31 Ilment 08/2019 – P. Zammit

Jitlob biex issir tabella biex ma jħamġux il-klieb fi Triq Dun Ġużepp Grima. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

05.9.32 Ilment 09/2019 – S. Grech

Jitlob biex timtela' ħofra quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Kappillan Hili bil-*cold asphalt*. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 05.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

05.10.1 Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef għarraf lill-membri li hu attenda għal-laqgħa plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar il-Ġimgħa 25 t'Ottubru 2019 u s-Sibt 26 t'Ottubru 2019.

05.10.2 Il-Kunsillier, is-Sur Carmel Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm fanal dekorattiv fi Triq Wied Siekel mhux jixgħel kif ukoll hemm bozza LED fi Triq San Martin k/m Triq Wied Siekel biex titmexxa għal post ieħor jew titneħħa. Is-Sindku wieġeb li l-fanal dekorattiv ta' Triq Wied Siekel diġa' irrapurtat mal-kuntrattur filwaqt rigward il-bozza LED issir talba lill-Kunsill Reġjonali Għawdex biex titneħħa.

## 05.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

05.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 04/2019 għall-perjodu bejn l-1 t'Ottubru 2019 u l-31 t'Ottubru 2019 li tammonta għal €11,686.99 ġiet approvata u ffirmata.

## 05.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

05.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 ta' Novembru 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019.

*Iffirmata*
Saviour Borg
Sindku

*Iffirmata*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Fontana